**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Joseph Cassar**
**David Cassar**

**Illum 13 ta' Gunju 2016**

**Kumpilazzjoni Nru: 164/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Joseph Cassar** detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 228295(M); u

**David Cassar** detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 491193(M).

Akkuzati talli nhar it-18 ta' Marzu, 2016 ghal habta tal-17:15 gewwa Hal Luqa u f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' crash helmet tal-pulizija u oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez €232.94 izda ma' jaqbizx €2,329.37 bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija, il-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra.

U kif ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gia gie misjub hati ta'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat il-*presentencing report* redatt mill-ufficjali tal-probation nominati ghal dan il-ghan.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Cassar ghandu jigi rilevat li mill-fedina penali esebieta[1] jirrizulta li Joseph Cassar instab hati li kkommetta reati darbtejn; fiz-zewg istanzi inghata liberta kundizzjonata. Huwa ben stabbilit li l-liberta kundizjonata ai termini ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ma tistax titqies bhala kundanna ai fini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9. Ghalhekk, la darba l-addebietu tar-recidiva ma jistghax legalment jirrizulta, l-imputat Joseph Cassar ma jistax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni u dan minkejja l-ammissjoni tieghu.

Illi konsegwentement, fil-waqt li l-imputat Joseph Cassar ma jistax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu minn liema imputazzjoni ser jigi liberat, fuq ammissjoni qed jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Fuq ammissjoni l-imputat David Cassar qed jinstab hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom in-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-eventwali koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li huma gia hallsu l-valur ta'l-oggetti derubati.

[1] Il-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati hija annessa mal-presentencing report u kopja ohra giet prezentata f'l-udjenza ta' llum stess mill-ufficjal prosekutur.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-rapporti ta'l-ufficjali tal-probation minn liema jirrizulta li z-zewg imputati ghandhom problemi psikologici li jehtieg li jigu indirizzati. Aktar minn hekk jidher li l-imputat David Cassar ghandu problema b'l-abbuz tad-droga li ukoll hemm bzonn li tigi indirizzata. Iz-zewg ufficjali tal-probation irrakkomandaw li l-imputati jinghatu ordni ta' probation sa biex ikunu jistghu jigu indirizzati dawn il-problemi. Mistoqsija hux rakkomandabbli li l-imputati jigu ordnati jaghmlu servizz fil-kommunita huwa qalu li z-zewg imputati ghandhom hinijiet ta' xoghol twal hafna u li jkun difficli ghalihom jaghmlu xoghol fil-kommunita.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tapprezza li l-imputati ghandhom hinijiet twal ta' xoghol u li jista' jkun problematiku ghalihom li jallontaw ruhhom mix-xoghol biex ikunu jistghu jaghmlu xoghol ta' servizz fil-kommunita. Madanakollu l-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz odjern huwa essenzjali li l-imputati jifhmu s-serjeta ta' l-agir taghhom u dan il-Qorti qed tghidu wara li rat ukoll il-fedina penali taghhom. L-imputat Joseph Cassar instab hati ta' xi reati f'zewg okkazzjonijiet u nghata liberta kundizzjonata ghal dawn ir-reati. L-imputat David Cassar instab hati ta' diversi reati f'hames okkazzjonijiet u gie trattat b'diversi modi: inghata liberta kundizzjonata, sentenza sospieza, u anke multi. Minkejja t-tentattivi tal-Qorti biex taghti lill-imputati opportunita biex jirriabilitaw lilhom infushom, jindirizzaw effettivament il-problemi taghhom u jieqfu minn dan it-tip ta' agir kriminuz, jidher li sa' llum dawn it-tentattivi ghadhom ma wasslux ghar-rizultat mixtieq.

Illi tenut kont ta' dan, tenut kont ta' l-eta ta'l-imputati, tenut kont li jkun f'l-interess tas-socjeta li l-imputati jindirizzaw il-problemi taghhom, tenut kont li min-naha l-ohra ghandu jinghata xi ordni li jservi ta' deterrent ghall-imputati, u tenut kont tal-fatt li mit-trattazzjoni jirrizulta li l-imputati lesti li joqghodu ghal ordni ta' servizz fil-kommunita, il-Qorti hiija konvinta li ghandha taghtihom l-ahhar opportunita biex jiehdu l-ghajnuna li ghandhom permezz ta' ordni ta' probation pero dan irid jigi abbinat ma' numru ta' sieghat ta' xoghol ta' servizz fil-kommunita[2].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Joseph Cassar** hati tat-tieni imputazzjoni dwar recidiva u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 261(c)(e)(g), 267, 269 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssibu hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation u servizz ghal perjodu ta' sentejn (2) b'obbligu li jaghmel erbghin

[2] Il-perjodu ta' probation u n-numru ta' sieghat ta' servizz fil-kommunita ser ikun differenti fiur-rigward taz-zewg imputati biex jirrifletti d-differenza fil-precedenti penali taghhom.

(40) siegha servizz fil-kommunita, dan bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jiehu t-trattament necessarju ghalih. U

Wara li rat l-artikoli 49, 50 261(c)(e)(g), 267, 269 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **David Cassar** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation u servizz ghal perjodu ta' tlett (3) snin b'obbligu li jaghmel tmenin (80) siegha servizz fil-kommunita, dan bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jiehu t-trattament necessarju ghalih.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliema ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fil-perjodi prefissi u jekk ma joqghodux ghall-ordniijet lilhom mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notikfika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficju tal-probation.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**